# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 15 ta' 2022, miżmuma nhar l-19 ta' Diċembru 2022, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u kwart ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Chris Grech | Mosta LC | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Stephen Gatt | Balzan LC | Membru |
| • Noel Gatt | Naxxar LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Preżenti ukoll kien hemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kristina Camilleri

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | Membru |
| • Stephen Cordina | Attard LC | Membru |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**14. AĠENDA**

1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3.1 Komunikazzjoni tal-President;
4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;
5.1 Kumunikazjoni –
6.1 Rapporti;
 6.1.1 Financial statement 2022
 6.1.2 Budget
7.1 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;
 7.1.1 Waste Tender
8.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
8.3. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:00 mil-President, is-Sur Clifford Galea Vella.

## - 1.1 Qari t' Apoloġiji

Trevor Fenech u Stephen Cordina kienu skużati.

## - 1.2 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa numru 15 miżmuma f'Dicembru 2022 ittieħdu bħala moqrija.
Stephan Gatt ippropona li jkunu approvati u John Buttigieg issekondaw il-mozzjoni.
Il-membri qablu unanimament.

## - 1.3 Komunikazzjoni mil-President

Il-President Clifford Vella informa lill-membri li Hon Ivan Castillo se jattendi l-laqgħa li jmiss sabiex jiltaqgħa w jiddiskuti mal-membri fuq il-ħidma tar-Reġjun Tramuntana kif ukoll fil-laqgħa ta Marzu 2023 jattendi Hon Darren Carabott .

Il-President Clifford Galea Vella informa li se tinħoloq Group Chat fuq Whats App sabiex jintbagħtu updates xqed jsir fir-Reġjun.

Il-President Clifford Vella isuġġerixxa li jkun hemm allokazzjoni ta PR Budget fir-rigward tar-Reġjun Tramuntana.

## - 1.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

## - 15.5 Komunikazzjoni

- Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta email mingħad id-Direttur Ġenerali fejn ġiet approvata is-sejħa għall-Funds Officer, Cultural Manager u IT Manager



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

- Segretarju Eżekuttiv ippreżenta Quotation ta sena għal Accountant. Is-Sur Alfred Grima isuġġerixxa/ propona li minflok, ir-Reġjun għandu jippublika Tender għal accountant għal (3) tliett snin sabiex jiġi assigurat li process jkun trasparenti u konform mal l-liġi. John Buttigieg issekonda il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament
- Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta żewg proposti għal safriet fuq xol:
  1. Europe cooperates interreg 2nd Call for Projects (Smart, Green, Connected, Social ,Citizens, Govenence) li se issir fi Sweden fil-15 ta' Marzu 2023 fejn propona li jibgħat lil Elisa Frosi ( Projects Manager) u Bjorn Bonello ( Environmental Manager )
  2. Conference on Waste Implementation for the Circular Economy Management (Implementation of EU Waste Legislation Critical to their Sucsess) li se ssir fi Brussles fit- 28 ta' Frar 2023 fejn propona li jibgħat lil Baderinwa Aderemi ( Waste Manager ) u George Abdilla (Segretarju Eżekuttiv )

  Is-Sur Alfred Grima rimarka fuq l-ammont ta safar li kien qed jiġi propost mingħir ma l-Kunsilli jkollom ritorn għat-tali spiza.

Il-President Clifford Galea Vella ippropona u Pawlu Vella issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament. Is-Sur Grima astjena fil vot fuq it-tieni konferenza.

Il-Laqgħa twaqfet sabiex l-accoutant Romina Perici Ferrante tippreżenta u tispjega l-Quaterly Finacial Statement, ir-Rapport tal-Budgett 2022 kif ukoll spjega tal-Finacial Budget 2023.

## - 1.6 Rapporti

- 1.6.1 Quaterly Financial statement gie preżentat, Paul Vella propona u ġie sekondat min John Buttigieg, Alfred Grima astiena, Noel Gatt ma kienx prezenti u Chris Grech, Kyle Mifsud, Stephen Gatt qablu.
- 1.6.2 Budget statement ġie preżentat, Paul Vella propona u ġie sekondat min Alfred Grima, il-membri qablu unanimament.
- 1.6.3 Financial statement ġie preżentat, Paul Vella propona u ġie sekondat min John Buttigieg, Alfred Grima astiena, Noel Gatt ma kienx preżenti u Chris Grech, Kyle Mifsud, Stephen Gatt qablu.

## – 1.7 Affarijiet oħra

**Waste Tender –** Segretarju Eżekuttiv iċara s-sitwazzjoni mal-membri ta kif iħareġ it-Tender ta' l-iskart. Saret diskussjoni fuq din il-materja u s-Sur Alfred Grima qara document li prepara min qabel li jagħti ħarsa lejn il-pużizjoni tiegħu u aspetti oħra fuq dan it-Tender u insista li jiġi minutjat (dok anness).

**Kera-** Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kellha tiġi miżjudah il-kera ta' l-uffiċju tar-Reġjun fl-iskeda. Is-Sur Alfred Grima talab li jkun jaf kemm fadal teminu tal-kuntratt. Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti l-informazzjoni lil membri fuq dan is-suġett sabiex jiġi diskuss bi priorita fil-laqgħa li jmiss rigward il-kirjiet li

andu bħal issa ir-Reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv ikonferma li bħal issa għandu kirja ta l-Ufficju Reġjun Tramunata Triq Ġulju u l-Garage ta Triq Emauel Pinto.

**Right Offs-** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta document fejn kien hemm imnizżel affarijiet li kellom jiġu mormija mil-ufficju. Il-President talab li jkun hemm rittratti ta' l-affarijiet imresqa.

**Ikla tal-Milied tar-Regjun mas-Sindki -** Il-President Clifford Galea Vella ippropona li l-ikla tal-Milied iseħħ nhar it-Tnejn 30 ta' Jannar 2023 fit-tmienja ta filgħaxija il-Hilltop Mellieha.

## - 1.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 157 kienet ippreżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. Noel Gatt ssekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## - 1.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fid-tmienja u nofs ta' filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun Nhar l-Erbgħa, 15 ta' Frar 2023, fis-sitta ta' filgħaxija.

Clifford Galea
President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, l-Erbgħa 15 ta' Frar 2023



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Alfred Grima qal, li konsegwenza tal-fatt, li fuq il-midja qed tingħata l-impressjoni skorretta li tallega li l-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni kienu parteċipi fil-ħruġ ta' sejħa pubblika għal ġbir ta' l-iskart, jemmen li għandu jressaq kjarifika biex tiġi mminutjata.

a. Huwa stat ta' fatt, li kemm it-tender maħruġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti għan-nom tar-Reġjun Tramuntana kif ukoll il-kuntratt CT2124/2022 iffirmat mill-istess dipartiment, la qatt ġie diskuss u wisq anqas tressaq għall-approvazzjoni tal-Membri tal-Kumitat Regjun Tramuntana. Kien biss fis-6 ta' Jannar 2023 li d-dokumenti nkwistjoni waslu għand il-membri.

b. Huwa fatt ukoll, li kieku t-tender ġie għall-attenzjoni tal-membri tal-Kumitat Reġjun Tramuntana, hu kien jitkellem dwar li dan fih diversi spunti li jolqtu lill-lokalitajiet u lir-Reġjun negattivament, fosthom;

1. Li permezz ta' klawsola (t) il-kuntrattur ingħata dritt li lis-skart jiġbru f'munzell fit-triq b'detriment għar-residenti.

2. Li filwaqt li klawsola (s) tindika li r-Reġjun jista jittermina l-kuntratt mingħajr ħtieġa ta' xi approvazzjoni, f'każ li 10% tal-flotta ma tkunx taħdem bl-elettriku, klawsola (19.3) tiddetta li tinġib l-approvazzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti qabel jiġi terminat il-kuntratt.

3. Li klawsola (20.6) tiddetta lir-Reġjuni, suppost awtonomi, li jġibu l-approvazzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti qabel jiġu ordnati servizzi addizzjonali ġodda li mhumiex parti mill-kuntratt bħal ma huma l-bring-in-sites.

4. Li jirriżulta, li bil-kontra ta' dak li qed jingħad, il-vjeġġi f'San Pawl il-Baħar se jiżdiedu u mhux jonqsu meta jingħaddu s-servizz addizzjonali li qed tagħti is-CMD u l-ġbir tal-kartun kummerċjali.

5. Li fil-kuntratt ma jidhirx li hemm klawsola li tiddetermina sa x'ħin il-kuntratturi huma marbuta li jiġbru lis-skart mit-triq.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt